TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 192/16/F

**George Cini**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Illum 21 ta' Marzu, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab li jħallas biss mija u ħamsin ewro (€150) tax-xogħol tas-siġġijiet u żewġ armchairs, u jeħodhom lura, stante li skont hu ġie ċċarġjat ammont esaġerat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħa sitt siġġijiet u żewġ armchairs għat-tiswija, jew ossia restawr għand l-intimat.

L-intimat issottometta li kien ħa ġimgħa xogħol għax kellhom bżonn ħafna tiswija u għalhekk l-ammont ta' tliet mija, disgħa w erbgħin ewro (€349), li talab kien sodisfaċenti.

Pero' t-Tribunal, qed jarha diffiċli li ma kienx hemm xi indikazzjoni ta' prezz għar-riparazzjoni. Illi jista' jkun ukoll li waqt li kien qed jagħmel ix-xogħol inqalagħlu iktar tiswija u li allura hija ġustifikata li jħallas xi ħaġa iktar jekk forsi ngħata stima.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-istess rikorenti jħallas lill-intimat l-ammont ta' mitejn u erbgħin ewro (€240), u b'hekk jieħu lura s-siġġijiet u l-armchairs f'kundizzjoni tajba, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**